MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 7/1994/1

Mary mart Anthony Bezzina u
l-istess Anthony Bezzina bħala żewġ
l-istess Mary Bezzina għall-interess tiegħu
fil-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnu
u bejn l-imsemmija martu.

vs

Joseph Vella, u b'degriet tat-3 ta' Novembru, 1994,
Nathalie Vella mart l-istess Joseph Vella ġiet
Kjamata fil-kawża;
Paul u
Emmanuela sive Lelina mart Joseph Attard
Ilkoll aħwa Vella u l-istess Joseph Attard
Bħala żewġ l-istess Emmanuela Attard
Ghall-interess tiegħu fil-komunjoni tal-akkwisti
Eżistenti bejnu u bejn l-imsemmija martu,
U b'degiet tat-23 ta' Diċembru 2009 il-
Ġudizzju ġie trasfuż f'isem Colin u Stephen
Aħwa Attard minflok Joseph Attard

li miet fil-morti tal-kawża;
u Annunziata Vella armla minn John Vella,
u b'degriet tal-5 ta' Mejju 2010
il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Joseph,
Paul, u Emmanuela armla ta' Joseph
Attard, minflok Annunziata Vella li
Mietet fil-mori tal-kawża.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi li biha, wara li ppremettew illi:

Fil-11 ta' Novembru 1990 miet John Vella bin Mikiel u Helena nee' Pace u kien sopravissut minn l-armla tiegħu Annunziata Vella u l-erba' uliedu Joseph, Paul, Emanuela sive Lelina mart Joseph u l-attriċi Mary mart Anthony Bezzina;

Billi l-istess John Vella qabel ma miet iddispona mill-ġid tiegħu b'testment unika karta mal-fuq imsemmija armla tiegħu tal-24 ta' Frar, 1990 fl-atti tan-Nutar Dr. Paul George Pisani, hawn esebit u mmarkat Dokument F; u bl-istess testment waqt li ħalla diversi prelegati istitwixxa u nnomina bħala eredi universali ta' ġidu 'l fuq imsemmija erba' uliedu u bħala użufruttwarja ġenerali ta' ġidu lil fuq imsemmija martu;

Billi l-istess attriċi ddeċidiet li ma taċċettax il-fuq imsemmi wirt u tieħu minflok il-legittima lilha spettanti skond il-liġi;

Billi tul ħajtu l-istess John Vella għamel diversi kuntratti hekk imsejħa ta' bejgħ ma' diversi minn uliedu u senjatament bejgħ tal-lok tad-djar 48 u 49 Triq Mons. Luigi Vella, Victoria, Għawdex kif jidher mill-anness kuntratt hawn esebit u mmarkat Dokument A; kuntratt ieħor ta' bejgħ ta' flat fil-pjan terran esternament bla numru pero' internament markat bin-numru wieħed formanti parti minn blokk ta' tlett flats bla numru u bla isem f'Valley Road, Marsalforn fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex kif jidher mill-anness kuntratt hawn esebit u mmarkat Dokument B; kuntratt ieħor ta' bejgh ta' flat internament markat bin-numru tnejn u formanti parti minn korp ta' tlett flats f'Volcano Street, Marsalforn limiti Xagħra, Gozo kif jidher

mill-kuntratt hawn esebit u mmarkat Dokument C: u kuntratt ta’ bejgħ ta’ flat internament mmarkat bin-numru tlieta formanti parti minn blokk ta’ tlett flats bla numru u bla isem f’Valley Road, Marsalforn, fil-limiti taż-Żebbuġ Għawdex kif jidher mill-anness kuntratt hawn esebit u mmarkat Dokument D; u kuntratt ta’ bejgħ ta’ dar bla numru pero’ magħrufa bl-isem Saint Paul f’Volcano Street, kantuniera ma’ Valley Street, Marsalforn fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex kif jidher mill-anness kuntratt hawn esebit u mmarkat Dokument E;

Billi danw l-imsemmija kuntratti kollha jammontaw għal donazzjonijiet simulati magħmula mid-decujus favur il-fuq imsemmija uliedu billi huma magħmula bi prezz li bl-ebda mod ma jirrifletti r-realta’ kummerċjali u b’valuri rriżorji u b’hekk tidher evidenti l-animu tad-decujus li javvantaġġja lil dawn uliedu a skapitu u dannu tal-leġittima spettanti lill-attriċi.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjara simulati u għah hekk ammontanti għal donazzjonijiet il-fuq imsemmija kuntratti u ċioe’ l-bejgħ ta’ tad-djar 48 u 49, Triq Mons. Luigi Vella, Victoria, Għawdex, kif jidher mill-anness kuntratt hawn esebit u mmarkat Dokument A; kuntratt ieħor ta’ bejgħ ta’ flat fil-pjan terran esternament bla numru pero internament markat bin-numru wieħed formanti parti minn blokk ta’ tlett flats bla numru u bla isem f’Valley Road, Marsalforn fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex kif jidher mill-anness kuntratt hawn esebit u mmarkat Dokument B; kuntratt ieħor ta’ bejgħ ta’ flat internament markat bin-numru tnejn u formanti parti minn korp ta’ tlett flats f’Volcano Street, Marsalforn limiti Xaghra, Gozo kif jidher mill-kuntratt hawn esebit u mmarkat Dokument C; u kuntratt ta’ bejgħ ta’ flat fis-second floor level esternament bla numru pero internament mmarkat bin-numru tlieta formanti parti minn blokk ta’ tlett flats bla numru u bla isem f’Valley Road, Marsalforn, fil-limiti taż-Żebbuġ Ghawdex kif jidher mill-anness kuntratt hawn esebit u mmarkat Dokument D; u kuntratt ta’ bejgħ ta’ dar bla numru pero’ magħrufa bl-isem Saint Paul f’Volcano Street, kantuniera ma’ Valley Street,

Marsalforn fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex kif jidher mill-anness kuntratt hawn esebit u mmarkat Dokument E;

2. Tillikwida l-assi ereditarju tad-decujus, John Vella, billi tiddikjarah jikkonsisti f'dawk il-beni kollha li jirriżultaw lilu spettanti fid-data tal-mewt tiegħu kif ukoll f'dawk il-konferimenti ta' dawk id-donazzjonijiet kollha minnu magħmula tul ħajtu lill-uliedu għal limea konferiment l-istess uliedu jiġu kkundannati;

3. Tillikwida l-leġittia dovuta lill-attriċi mill-wirt tal-fuq imsemmija missierha fit-termini tal-liġi;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jassenjaw lill-attriċi l-leġittima hekk likwidata favur tagħha;

5. Tikkundanna lill-konvenuti jidhru fuq l-att relattiv għall-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-fuq imsemmija leġittima;

6. Tiffissa l-ġurnata, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv u tinnomina nutar pubbliku għall-istess fini u kuraturi deputati biex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament ikkonfermata bil-ġurament ta' Mary Bezzina.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew illi:

1. Preliminarjament in-nullita' taċ-ċitazzjoni minħabba nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju stante li ma ġewx ċitati n-nisa tal-konvenuti Joseph u Paul Vella li huma komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti flimkien ma' żwieġha u għaldaqstant komproprjetarji magħhom tal-fondi li t-titolu għalihom qiegħed jiġi attakkat.

2. Preliminarjament ukoll in-nullita' ta' din iċ-ċitazzjoni minħabba kumulu u konfużjoni ta' diversi

azzjonijiet ibbażati fuq negozji ġuridiċi differenti u kompletament diversi ċioe' b'azzjoni waħda qed jipprova jirrexxissindi numru ta' kuntratti partikolari li tispetta konta l-konvenuti rispettivi u kif ukoll jitlob l-assenjazzjoni tal-leġittima kontra l-eredi.

3. Fil-mertu u mingħajr preġudizzju illi l-ewwel domanda hija infondata billi ma hux mogħti lill-atturi d-dritt li jattakkaw xi kuntratti magħmula minn John Vella.

4. Fil-mertu wkoll illi t-tieni talba in kwantu ġiet mitluba d-dikjarazzjoni li l-assi oġġett tal-kuntratti indikati fiċ-ċitazzjoni jiffurmaw parti mill-assi ereditarji tad-decujus ma ssegwix mill-ewwel waħda stante li fl-ewwel talba qed tiġi mitluba biss id-dikjarazzjoni li tali kuntratti kienu jammontaw għal donazzjonijiet u m'hux ir-rexissjoni tal-istess kuntratti. Anki kieku kellha tiġi akkolta l-ewwel talba din twassal biss ghall-imputazzjoni ta' tali "donazzjonijiet" għall-finijiet ta' komputazzjoni tal-leġittima.

5. Illi t-talbiet attriċi huma wkoll skorretti u nulli in kwantu ma ħadux in konsiderazzjoni sehem u l-interessi tal-konvenuta Annunziata Vella fil-beni oġġett tat-trasferimenti attakkati mill-atturi.

6. Illi għal dak li jirrigwarda t-talba għall-assenjazzjoni tal-leġittima din il-kawża hija intempestiva u vessatorja billi l-esponenti qatt ma ċaħdu li jtuha sehemha skond il-liġi.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa minn Emmanuela Attard.

Rat il-verbal tal-konvenuti magħmul fis-seduta tat-3 ta' Novembru 1994 fejn dawn irrinunzjaw għall-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom.

Rat is-sentenza preliminari tagħha tat-2 ta' Frar 1996 dwar it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-29 ta' Ottubru 1999, li permezz tagħha s-sentenza preliminari ta' din il-Qorti ġiet revokata.

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Mejju 2000 fejn innominat lill-A.I.C. Edward Scerri bħala perit tekniku.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku l-A.I.C. Edward Scerri ppreżentata fl-14 ta' Novembru 2006 u minnu maħlufa fit-13 ta' Frar 2007.

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Novembru 2008 fejn ordnat lill-perit tekniku sabiex jippreżenta relazzjoni ulterjuri li tkun tirrifletti l-prezzijiet kurrenti fis-suq tal-proprjeta' in kwistjoni.

Rat ir-relazzzjoni ulterjuri tal-perit tekniku ppreżentata fis-6 ta' Novembru 2008 u minnu maħlufa fis-7 ta' Jannar 2009.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Rat in-noti ta’ l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat il-verbal tagħha tal-5 ta' Mejju 2010 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża għal-leġittima, jew aħjar kif tissejjaħ illum is-sehem riservat. Ingħad f'dan ir-rigward mill-Qrati tagħna illi: "*Id-dritt assolut tad-dispożizzjoni tal-proprjeta' huwa limitat mill-fakolta' ta' xi dispożizzjoni b'titolu gratuwitu, meta d-disponenti jkun ħalla superstiti ċerti parenti. F'dana s-sens il-kapaċita' tal-bniedem li jiddisponi b'testment mhix illimita, l-għaliex id-decujus ma jistax jiddisponi qabel ma jkun ġie nieqes mill-beni tiegħu kollha, iżda minn parti minnhom biss. Fi kliem ieħor, apparti l-limitazzjoni dwar ċerti persuni, il-kapaċita' u l-fakolta' tad-dispożizzjoni permezz ta' attijiet ta' l-aħħar volonta' hija wkoll limitata għall-kwantita' tal-beni. Dina l-kwantita' tiddependi minn kemm mil-likwidazzjoni tal-patrimonju*

*għandu matematikament jikkomponi sew il-parti disponibbli…*". [1]

Fil-kawża preżenti l-atturi qegħdin ifittxu li jingħataw mingħand il-konvenuti s-sehem riservat mil-liġi lill-attriċi fuq l-assi ta' missierha. Għalkemm bl-aħħar testment tagħhom, il-ġenituri ta' l-attriċi ħallewlha s-somma ta' tliet elef lira maltija (Lm3000) bħala prelegat,[2] u nnominawha wkoll bħala ko-eredi flimkien ma' ħutha l-konvenuti, Joseph u Paul aħwa Vella u Emanuela Attard, din għażlet li tirrinunzja l-wirt u tfittex minflok għal-leġittima.[3] Dan għamlitu peress li dehrilha illi bid-diversi konferimenti magħmula mill-ġenituri tagħha matul il-ħajja miżżewġa tagħhom, meta ttrasferew prattikament il-beni immobbli kollha tagħhom lill-uliedhom Joseph, Paul u Emanuela b'diversi kuntratti ta' bejgħ jew enfitewsi perpetwa,[4] dawn illedew is-sehem riservat lilha mil-liġi, għax dawn ma kienu trasferimenti onerużi xejn, imma biss donazzjonijiet moħbija.

Għalkemm ma saritx eċċezzjoni formali f'dan is-sens, il-konvenuti fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom tat-13 ta' April 2009,[5] qajmu dubbju dwar kemm l-atturi setgħu jipproċedu b'din il-kawża qabel ma l-attriċi kienet formalment irrinunzjat għall-eredita' ta' missierha a tenur ta' l-artikolu 860 tal-Kodiċi Ċivili. Huwa minnu illi l-attriċi ma kienitx għamlet dan qabet ma ġiet istitwita l-kawża preżenti, u r-rinunzja saret biss wara li l-konvenuti kienu ġibdu l-attenzjoni ta' din il-Qorti għal dan in-nuqqas, kif fuq spjegat. Imma kif ġie stabilit mill-ġurisprudenza, fejn ir-rinunzja ssir fil-mori tal-proċeduri, l-kawża mhix intempestiva u dan in forza tal-prinċipju ta' *jus superveniens*.[6]

---

[1] Prim'Awla : Maria Wismayer et vs Ruggiero Wismayer et : 22.05.1950; kollez. Vol. XXXIV. ii. 574 .

[2] ara raba artikolu tat-testment tal-konjugi John u AnnunziataVella, li estratt minnu jinsab esebit bhala Dok. F a fol. 21 -22 tal-process .

[3] ara Nota ta' rinunzja ta' l-attrici ghall-eredita' ta' missierha, kopja ta' liema giet ippresentata f'dawn l-atti bhala Dok. R a fol. 524 tal-process .

[4] ara dokti. A sa E annessi mac-citazzjoni a fol. 6 -20 tal-process .

[5] a fol. 480 - 504 tal-process .

[6] Prim'Awla : Fancesco Saverio Fava vs Elizabetta Camilleri et.: 10.12.1954; kollez. Vol. XXXVIII. ii. 612; ara wkoll sentenza ta' din il-

Fin-Nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom, il-konvenuti jikkontendu illi mhux mogħti id-dritt lill-atturi li jattakkaw kuntratti magħmula minn John Vella. Huwa minnu illi normalment it-terzi ma jistgħux jattakkaw kuntratti li għalihom kienu *res inter alios acta*, imma kif ġie stabilit, għall-finijiet ta' kalkolu tas-sehem riservat: "*si calcola sull'intero patrimonio compresavi ogni specie di largazzione gratuita, colla sola deduzione dei debiti e delle spese funerarie*." [7] Hekk ukoll ingħad illi: "*Ir-rigali li d-decujus jagħmel a favur ta' kwalunkwe persuna, għandhom jiġu mdaħħlin fir-rijunjoni tal-patrimonju tad-decujus biex tiġi kalkulata l-leġittima; u anki l-legati li d-decujus ikun għamel favur xi persuni, anki jekk ikunu legati ta' beneficenza."* [8] Dan ifisser illi peress li l-atturi qed jagħmlu tali allegazzjoni, irid jiġi neċessarjament investigat jekk il-kuntratti magħmula mid-*decujus* kienux tassew donazzjonijiet moħbija, kif qed isostnu l-atturi, biex imbagħad f'każ li dan jirriżulta minnu, isir il-konferiment meħtieġ tal-valur ta' dawn id-donazzjonijiet għall-fini tal-komputazzjoni tal-leġittima dovuta lill-attriċi.

Il-konvenuti eċċepew ukoll illi t-tieni talba fiċ-ċitazzjoni ma ssegwix mill-ewwel waħda in kwantu, anke kieku din kellha tiġi milqugħa, dan ma jfissirx illi l-kuntratti kontestati jiġu rexissi, imma biss li jsir il-konferiment tal-valur tal-beni trasferiti għall-fini tal-komputazzjoni tal-leġittima. L-atturi pero' qatt ma talbu r-rexxissjoni ta' dawn il-kuntratti, imma sempliċement il-konferiment tal-valur tagħhom għal dan il-fini, u għalhekk ma hemm xejn irregolari fit-tieni talba ta' l-atturi.

Niġu issa għalhekk minnufih għall-kunsiderazzjoni tal-mertu proprju ta' din il-kawża. L-atturi qegħdin jallegaw illi t-trasferimenti tal-beni mmobbli tal-konjuġi Vella lill-konvenuti kienu simulati, u fil-fatt kienu donazzjonijiet moħbija. Issir distinzjoni fid-dottrina bejn simulazzjoni

---

Qorti diversament ippreseduta fil-kawza ; Dr. Chris Said noe. vs Mary Abela pro et noe : 29.02.2008, kif ikkonferma fl-appell fit-28.05.2010 .

[7] kollez. Vol. IX pag. 297 .

[8] Carmela Farrugia noe. et vs Concetta Mifsud et. : kollez. Vol. XXXIII. i. 472 .

**assoluta** u dik **relattiva**. "*La simulazione e' assoluta, quando le parti non intesero conchiudere verun negozio giuridico (colorem habens, substantiam vero nullam) : e' relattivo quando un atto vero sia manifestato sotto forma di altro atto, o con altre modalita', o per interposta persona (colorem habens, substantiam vero alteram).*

*L'atto assolutamente simulato e' inesistente, non produce ne' diritto, ne' obbligazione: l'atto relattivamente simulato, invece, ha il valore giuridico che la legge attribuisce a quello che si e' inteso di conchiudere.*
*Nell'uno e nell'altro caso pero', e' evidente che la simulazione per se' stessa e' sempre priva di ogni efficacia giuridica. Sia assoluta, sia relatttiva, suppone sempre un atto finto, cioe' la inesistenza dell'atto apparente*." [9]

Fil-każ tagħna, għalhekk, kemm-il darba jiġi ppruvat illi l-intenzjoni vera tal-kontraenti fuq il-kuntratti indikati fiċ-ċitazzjoni, ma kienitx li jsir kuntratt oneruż, imma li jaħbu donazzjoni, dawn id-donazzjonijiet ikollhom jittieħdu in konsiderazzjoni biex tiġi likwidata l-leġittima dovuta lill-attriċi.

L-ewwel kuntratt li qed jiġi attakkat huwa dak li sar bejn id-*decujus* John Vella u ibnu l-konvenut Paul Vella fl-20 ta' Novembru 1988.[10] Permezz ta' dan l-att id-*decujus* ikkonċeda lill-istess ibnu b'titolu ta' enfitewsi perpetwa l-appartament numru wieħed (1) formanti parti minn blokk ta' appartamenti fi Triq il-Wied, Marsalforn, Għawdex, inkluż in-nofs (1/2) indiviż ta' l-arja sovrastanti l-istess blokk ta' appartamenti, u dan versu ċ-ċens annwu u perpetwu ta' mija u ħamsin lira maltija (Lm150) fis-sena, liema ċens kellu jinfeda fi żmien xahar mill-kuntratt. Meta wieħed jiġi biex jikkapitalizza dan iċ-ċens, jiġi li l-korrispettiv għal dan it-trasferiment kien ta' tliet elef lira maltija (Lm3000). Il-perit tekniku qal fir-rapport tiegħu,[11] illi dakinhar tat-trasferiment dan l-appartament kellu valur ta' għaxart elef lira maltija (Lm10,000), u fl-epoka tal-mewt

---

[9] Digesto Italiano : vol.XXI pte. 3 pag. 411 per Luigi Cagnetta .
[10] Dok. A a fol. 6 - 8 tal-process .
[11] ara rapport peritali a fol. 206 - 209 tal-process .

tad-decujus kien jiswa tnax-il elf u mitt lira maltija (Lm12,100).

It-tieni kuntratt li qed jiġi attakkat huwa dak tas-26 ta' Lulju 1989 li permezz tiegħu d-*decujus* biegħ lil ibnu Joseph l-appartament numru tnejn (2) formanti parti mill-istess blokk ta' appartamenti bil-prezz ta' sitt elef lira maltija (Lm6000), li minnhom is-somma ta' elf lira tħallset fuq il-kuntratt u l-bilanċ kellu jitħallas fi żmien ħames snin, f'pagamenti ta' elf lira maltija (Lm1000) l-waħda, mingħajr imgħax.[12] Il-perit tekniku vvaluta l-istess *flat* fid-data ta' dan il-kuntratt fis-somma ta' tnax-il elf lira maltija (Lm12,000), u fl-epoka tal-mewt ta' John Vella fis-somma ta' tlettax-il elf u mitejn lira maltija (Lm13,200). [13]

It-tielet kuntratt li qed jiġi attakkat huwa dak ta' l-20 ta' Novembru 1988 li permezz tiegħu John Vella ikkonċeda b'titolu ta' enfitewsi perpetwa lill-istess ibnu Joseph l-appartament numru tlieta (3) formanti parti minn dan il-blokk ta' appartamenti għaċ-ċens annwu ta' Lm150, li kellu jinfeda fi żmien xahar mill-kuntratt. Meta wieħed jiġi biex jikkapitalizza dan iċ-ċens għall-fini tal-fidi, jiġi li l-korrispettiv ta' dan it-trasferiment kien ta' Lm3000. Il-perit tekniku ivvaluta dan l-appartament, meta sar il-kuntratt, fis-somma ta' tlettax-il elf lira maltija (Lm13,000), u fl-epoka tal-mewt ta' John Vella fis-somma ta' ħmistax-il elf lira maltija (Lm15,000).[14]

Ir-raba kuntratt li qed jiġi kontestat huwa dak tal-20 ta' Novembru 1988 li permezz tieghu John Vella kkonċeda b'titolu ta' enfitewsi perpetwa lil bintu Emanuela Attard id-dar bl-isem "St. Paul" f'Volcano Street, Marsalforn, għaċ-ċens annwu ta' mitejn lira maltija (Lm200) li kellu jinfeda fi żmien xahar mill-kuntratt, u b'riserva tal-konċedenti ta' l-użu w abitazzjoni gratuita ta' l-istess fond a favur tiegħu u ta' martu matul ħajjithom.[15] Meta wieħed jiġi biex jikkapitalizza dan iċ-ċens għall-fini ta' fidi, jiġi li l-valur ta' dan it-trasferiment kien ta' erbat'elef lira maltija (Lm4000).

---

[12] Dok. B a fol. 9 - 10 tal-process .
[13] ara rapport peritali a fol. 208 tal-process .
[14] ara rapport peritali a fol. 208 .
[15] Dok,.D a fol. 15 - 17 tal-process .

Il-perit tekniku vvaluta dan il-fond meta sar it-trasferiment fis-somma ta' tletin elf lira maltija (Lm30,000) u fl-epoka tal-mewt tad-*decujus* fis-somma ta' ħamsa u tletin elf lira maltija (Lm35,000).

Il-ħames kuntratt li qed jiġi kontestat huwa dak ta' l-24 ta' Frar 1990 li permezz tiegħu John Vella u martu Annunziata biegħu lil uliedhom Joseph u Emanuela Attard, indiviżament bejniethom, id-dar residenzjali tagħhom fin-numru 48 u 49 Triq Mons. Luigi Vella, r-Rabat, Għawdex, għall-prezz ta' tnax-il elf lira maltija (Lm12,000), bil-kondizzjoni li l-ħlas isir fl-ammont ta' mitejn lira maltija (Lm200) kull sena minn kull wieħed mill-kumpraturi sakemm isir il-ħlas kollu, bil-bilanċ li jkun għadu dovut fl-epoka tal-mewt tas-superstiti titħallas fi żmien sena minn dik id-data, u bid-dritt ta' preferenza favur il-kumpraturi, f'każ li xi ħadd minnhom ikun ser ibiegħ sehmu lil terzi.[16] Il-perit tekniku vvaluta din il-proprjeta' fi żmien li sar il-kuntratt fis-somma ta' ħamsa u tletin elf lira maltija (Lm35,000) u fl-epoka tal-mewt tad-*decujus* fis-somma ta' tmienja u tletin elf lira maltija (Lm38,000). [17]

Huwa evidenti minn dawn l-istejjem illi l-prezzijiet li bihom ġew trasferiti l-proprjetajiet hawn fuq deskritti xejn ma kienu jirriflettu l-valur reali tagħhom fis-suq, lanqas meta saru dawn il-kuntratti. Jirriżulta *pattern* fejn f'temp ta' ftit iżjed minn sena, id-*decujus,* waħdu jew flimkien ma' martu, ddispona mill-beni mmobbli kollha tiegħu lil uliedu kollha ad esklużjoni ta' l-attriċi. Apparentement il-kuntratti jidhru li kienu onerużi, għax saru permezz ta' bejgħ jew b'konċessjonijiet enfitewtiċi. Imma l-kundizzjonjiet tant kienu favorevoli għall-akkwirenti, illi huwa ovvju li dawn kienu qed jaħbu l-vera ntenzjoni tal-kontraenti, u ċioe' li dawn il-beni kellhom jgħaddu għand uħud minn ulied id-*decujus* b'donazzjoni. Għalkemm jidher li saru xi pagamenti in konsiderazzjoni ta' dawn it-trasferimenti, infatti ġew ippreżentati kopji taċ-ċedoli ta' fidi ta' ċnus

[16] Dok. E a fol. 18 - 20 tal-process .
[17] ara rapport peritali a fol. 207 tal-process .

relattivi u anke riċevuti ta' pagamenti oħra akkont,[18] m'hemm l-ebda mezz li bih jista' jiġi aċċertat illi dawn il-ħlasijiet kienu tassew ġenwini. Il-fatt li fid-dikjarazzjoni *causa mortis* in segwitu għall-mewt ta' John Vella, li seħħet ftit wara li saru dawn it-trasferimenti, ġie dikjarat illi dan kellu s-somma ta' tmint'elef u ħames mitt lira (LM8500) biss fi flus likwidi,[19] minkejja li suppost kienu saru dawn il-pagamenti, ma tantx huwa ndikattiv li d-*decujus* kien tassew irċieva dawn il-flus. Jidher li l-kuntratti in kontestazzjoni saru b'dan il-mod bi pjan maħsub sabiex fl-ewwel lok il-kontraenti jagħmluha iżjed diffiċli għall-attriċi li tirreklama l-leġittima u ndirettament ukoll biex jiffrankaw mit-taxxa fuq it-trasferimenti. Li dik il-ħabta kien hemm disgwid serju familjari bejn il-konvenuti u missierhom minn naħa u l-atturi minn naħa l-oħra, joħroġ mid-depożizzjoni tal-kontendenti. L-inkwiet kien inqala' fuq pretensjonijiet ta' kumpens li kellhom l-atturi għal serviġi li kienu rrendew lid-*decujus* u lill-martu. Id-*decujus* u l-atturi reġgħu tlewmu dwar liema appartament kellu jingħata lill-attriċi, u dan meta John Vella kien bi ħsiebu jqassam il-proprjeta' li kellu f'Marsalforn bejn uliedu, u l-attriċi riedet iżżomm dak li kienet qegħda attwalment tokkupa b'titolu ta' kera u ma kienitx lesta tittrasferixxi ruħha għall-appartament l-ieħor li missierha kien intenzjonat li jgħaddilha. Jirriżulta għalhekk illi għandhom raġun l-atturi jikkontendu illi dawn il-kuntratti kienu simulati relattivament u fil-fatt kienu jirrappreżentaw donazzjonijiet moħbija.

Billi s-simulazzjoni hija biss relattiva, l-kuntratti ma jiġux rexissi, imma a tenur ta' l-artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili, il-proprjeta' milquta bl-istess kuntratti għandha b'mod fittizzju tiżdied ma' l-assi tad-*decujus*, meħud in konsiderazzjoni l-valur ta' l-istess proprjeta' fi żmien l-apertura tas-suċċessjoni, iżda fil-kondizzjoni li kienet meta ngħatat id-donazzjoni. Fil-każ in eżami rriżulta li l-uniċi assi appartenenti l-eredita' tad-decujus fl-epoka tal-mewt tiegħu,[20] kienu:

---

[18] ara Dokti. EA 5 u 6 a fol. 236, 237, u dokti. Annessi man-Nota tal-konvenuti tal-14 ta' Mejju 2008 a fol. 400 – 414 .
[19] ara Dok. BA 1 a fol. 288 - 289 .
[20] ara kopja tad-denunzja relattiva Dok BA 1 a fol. 288 – 289 .

i. nofs indiviż minn Lm120 f'deheb: Lm 60
ii. nofs mill-għamara fid-dar, stmata Lm480 : 240
iii. nofs mill-flus li kien hemm id-dar: 4250

Ma dawn iridu għalhekk jiżdiedu sehem id-*decujus* mill-proprjetajiet li gew ittrasferiti lill-konvenuti, bil-valur taghhom fl-epoka tal-mewt ta' John Vella. Fuq il-kuntratt ta' bejgh tad-dar tar-Rabat biss dehret ukoll mart id-*decujus*, imma fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, ghandha tapplika l-presunzjoni tal-ligi favur il-komunjoni ta' l-akkwisti.[21]
Ghaldaqstant irid jinghadd wkoll nofs il-valur tas-segwenti, kif stmati mill-perit tekniku[22] :

i. id-dar numru 48,49 Triq Mons. Luigi Vella, ir-Rabat: 19000

ii. l-appartament nru. 1,Triq il-Wied, Marsaforn: 6050

iii. l-appartament nru. 2, Triq il-Wied M'Forn : 6600

iv. l-appartament nru. 3, Triq il-Wied, M'Forn : 7500

v. id-dar f'Volcano Str., Marsalforn : 17500

Jigi ghalhekk illi, b'din l-addizzjoni fittizja tad-donazzjonijet maghmula, l-assi tad-*decujus* fl-epoka tal-mewt tieghu kienu jlahhqu s-somma ta':
Lm61200

[21] artikolu 1321(I) tal-Kodici Civili .
[22] ara rapport a fol. 207 – 208 .

Billi ulied id-*decujus* kienu erbgħa, is-sehem riżervat għall-attriċi huwa ta' wieħed minn tnax (1/12) ta' l-assi tad-*decujus*,[23] u għalhekk: Lm61200 / 12 = Lm5100. Imma fl-assi tad-*decujus* kien baqa' biss: Lm4550, u għalhekk jirriżulta li ġiet leża l-leġittima spettanti lill-attriċi. Kif ġie stabilit fil-ġurisprudenza f'dan ir-rigward: "*Dan il-prinċipju jeżawrixxi ruħu fil-fissazzjoni tal-kriterju li għandu jiġi segwit għall-kalkolu tal-valur tal-assi u tal-kwota tal-leġittima; iżda jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta, u trattandosi ta' beni in natura (mhux flus) ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett 'un bene reale' u l-'aestimatio rei' għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni, ċioe' iż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġudizzjali u tenut kont għalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja*." [24]

Għalhekk fil-każ tagħna sabiex tiġi stabilita l-leġittima realment dovuta lill-attriċi, din trid tiġi kkalkolata tenut kont il-valur preżenti tal-beni trasferiti mid-*decujus*. Konsegwentement mal-valur tal-assi li kien għad baqa' fl-eredita' tad-*decujus* fl-epoka tal-mewt tiegħu, u ċioe' Lm4550, (illum EUR 10601.50) iridu jiżdiedu s-segwenti, bbażati fuq l-istejjem magħmula fir-relazzjoni ulterjuri tal-perit tekniku[25] :

i. 1/2 tad-dar nri. 48, 49, Triq Mons L. Vella, Rabat : EUR 121,986;

ii. 1/2 ta' l-appartament nru. 1, Triq il-Wied, Marsalforn : EUR 64202.50;

iii. 1/2 ta' l-appartament nru. 2, Triq il-Wied, Marsalforn : EUR 77044;

iv. 1/2 ta' l-appartament nru. 3, Triq il-Wied, Marsalforn : EUR 87316;

---

[23] art. 616(1) tal-Kap. 16 .
[24] Appell : Emilia Maria Mifsud et. v Eleonora Mizzi et. : 14.12.1973; ara wkoll : Appell : Concetta Vella et v.Giuseppe Bugeja et.: 10.12.1973, u Appell : Dr.Chris Said noe. v. Mary Abela pro et noe. : 28.05.2010 .
[25] ara rapport a fol. 434 .

v. 1/2 tad-dar f'Volcano Street, Marsalforn : EUR 192610;

ghal total ta' : EUR 553760, biex b'hekk il-leġittima dovuta lill-attrici fuq l-eredita' ta' missierha tiġi wieħed minn tnax-il parti ta' din is-somma, u ċioe' : EUR. 46,147

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi u:

1. tiddikjara simulati u għalhekk ammontanti għal donazzjonijiet il-kuntratti kollha ndikati fiċ-ċitazzjoni;

2. tillikwida l-assi ereditarji tad-*decujus* John Vella, u tiddikjarah jikkonsisti fil-beni li rriżultaw lilu spettanti fid-data tal-mewt tiegħu, tal-valur ta' EUR 10601.50, u fil-konferimenti tad-donazzjonijiet minnu magħmula, ammontanti għal EUR 543158.50, b'kollox : EUR 553,760;

3. tillikwida l-legittima dovuta lill-attriċi fis-somma ta' sitta u erbgħin elf mija seba' u erbgħin euro (EUR 46,147) ; u

4. tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu s-somma hekk likwidata lill-atturi.

5. billi din il-legittima ser titħhallas biss fi flus u mhux f'beni mmobbli, m'hemmx għal fejn isir kuntratt pubbliku għal dan il-għan.

Billi din hija kawża għal-likwidazzjoni u ħlas tal-leġittima, l-ispejjeż relattivi jkunu kollha a karigu tal-konvenuti bħala eredi tad-*decujus.* L-ispejjeż tas-sentenza *in parte* tal-Qorti ta' l-Appell tad-29 ta' Ottubru 1999 jibqgħu kif hemm allokati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------